SAN LAWRENZ

**Il-Minuti tas-sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012 fid-9:00 ta' filghodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.**

***Preżenti:***

***Sindku:*** **Noel Formosa**

***Viċi-Sindku:*** **Anthony Formosa**

***Membri:***

**John Mercieca**
**Joseph Sultana**

***Segretarju Eżekuttiv:*** **Lucienne Haber**

**Skuzat:** **Luigia Grima**

**1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.**

**2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.**

2.1 Korrezzjoni tal-minuti 59. – Sar qbil li ghandha ssir addendum mal-minuti tal-laqgha ta' qabel billi fl-ahhar ta' klawsola 7.1 taqra hekk: "Il-kunsillier John Mercieca ddikjara li huwa ma jaqbilx li l-*underground bring-in-sites* isiru f'dak il-post propost fi Triq Nicholas Monsarrat".

**3.0 Evalwazzjoni tat-Tender tan-nicca**

3,1 Ghal din l-offerta ntefghu zewg offerti minghand Patrick and Dominic Refalo ghall-prezz ta' €7032.50 u ohra minghand Mr Joe Grima ghall-prezz ta' €4594.50. Il-perita nkarigata mill-progett, evalwat l-offerti mitfugha u hija tal-fehma li jekk il-membri l-ohra tal-kumitat jaqblu mar-rakkomandazzjoni taghha, l-orhos offerta ghandha tirbah dan ix-xoghol rikjest.

3.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jlaqqa' l-bord u jekk jaqblu mar-rakkommandazzjoni tal-perita, ghandu jmexxi fl-iffirmar tal-Kuntratt biex ix-xogholijiet jibdew kemm jista jkun malajr.

## 4.0 Evalwazzjoni tat-Tender tal-Culvert tal-Pjazza

4.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha tal-Bord tal-Evalwazzjoni fejn evalwaw l-offerti mitfugha ghal dan ix-xoghol. L-offerti mitfugha kienu minghand :-
Road Construction ghal prezz ta' €71,350.92
€Gatt Tarmac Ltd ghal prezz ta' €99,430.68

4.2 Il-Kunsill ra r-rapport provdut mill-Bord tal-Evalwazzjoni fejn irrakkomdaw li l-offerta tinghata lil Road Construction peress li hija l-orhos u kompatibli mal-kontenut tal-offerta. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-kunsillier John Mercieca talab li l-kuntrattur, Road Construction, ghandha tingibidlu l-attenzjoni li qabel xejn ghandu jkompli Triq il-Wileg. Gie maqbul li kif sar s'issa mill-Kunsill, terga tingibed l-attenzjoni dwar dan.

## 5.0 Evalwazzjoni tat-Tender tal-Manutenzjoni tal-Playing Field

5.1 Il-kunsill irrefera ghall-offerti mitfugha ghall-manutenzjoni tal-Playing Field. L-offerti mitfugha kienu minghand:-

JGC Ltd ghal-prezz ta' €34,500
Patrick & Dominic Refalo ghall-prezz ta' €28,955.13
J.Portelli Projects ghall-prezz ta' €36,413.62

5.2 Il-Kunsill qabel li peress li l-manutenzjoni fuq il-Playing Field hija mehtiega u peress li l-Kunsill m'ghandux fondi bizzejjed biex ilahhaq ma dawn l-offerti, sar qbil li ghandna nghaddu t-talba taghna lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jallokalna xi fondi taht xi skema ghal dan il-ghan.

## 6.0 Evalwazzjoni tal-Kwotazzjoni tal-Patching fi Triq Nicholas Monsarrat u Cangura

6.1 Il-Kunsill irrefera ghall-istimi mitluba lil Road Construction, Joe Grima u Gatt Tarmac Ltd sabiex issir manutenzjoni fi Triq Cangura u fi Triq Karmnu Grima. L-uniku wiehed li wera nteress li jissottometti din l-istima kien Gatt Tarmac Ltd li kienet ta' Triq Cangura ghal prezz ta' €3840 u dik ta' triq Nicholas Monsarrat ghal prezz ta' €19,200. Peress li l-istima tal-manutenzjoni ta' Triq Nicholas Monsarrat hija gholja wisq, il-Kunsill qabel li prezentament ghandu jibda billi jaqla l-bankina mar-residenza ta' George Micallef u jaghtiha base tajjeb tal-konkos sabiex ma jibqax jidhol ilma. Sadanittant il-Kunsill ser jara kif jista jaghmel xi tip ta' resurfacing li jigi jiswa ferm anqas.

6.2 Il-Kunsill qabel li ghalhekk bhalissa nipprocedu fuq il-manutenzjoni ta' Triq Cangura quddiem tal-Perit Mizzi, ghal prezz ta' €3840 u nirrangaw il-bankina imsemmija u naraw kif nistghu nsibu soluzzjoni ta' kif nirrangaw it-triq bl-inqas spejjes possibli.

7.0 **Evalwazzjoni tat-Tender tal-Isqaqien**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-eghluq tal-offerta tal-isqaqien li ghalqet nhar is-27 ta' Jannar 2012. Ghal din l-offerta ntefghu hames offerti li huma maqsuma fi tlett taqsimiet u kull bidder tefa' l-offerta tieghu ghal kull lot. Is-Sindku semma' li l-Bord tal-evalwazzjoni ser jibda jevalwahom u jghaddilna r-rapport appena jkun evalwa fid-dettal kull offerta.

**8.0 Attivitajiet tal-Karnival**

8.1 Il-Kunsill qabel li l-Karnival ta' San Lawrenz ghandu jinzamm il-Gimgha 17 ta' Frar 2012 fit-8:00pm fil-Pjazza tal-lokal. Sar qbil li ghandhom jinzammu l-kompetizzjonijiet kollha tas-soltu. Il-kunsillier John Mercieca propona li ghandna nintroducu Kompetizzjoni gdida dik ta' maskarat misterjuz u l-premju jiehdu dak li jaqta' min hu l-maskarat jew inkella jekk ma jinqatax il-premju jirbhu l-maskarat innifsu. Il-Kunsill qabel mal-propost u li ghandna ndahhlu kategorija ohra bi premju ta' €20.

**9.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati**

9.1 Is-sindku prezenta l-approval tal-Performance Bonus tal-Impjegati ghall-approvazzjoni tal-kunsilliera. Huwa fahhar ghal mod dedikat u effettiv li bih imexxu l-ufficini l-imjegati tal-Kunsill. Huwa propona li l-performance ghandu jinghata fil-massimu kollu tieghu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**10.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji**

10.1 Is-Segretarja ressqet draft tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2012. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u qabel li ghandu jaffetwa dawn l-emendi. Ghandha tizdied is-somma ta' €466 bhala dhul ghal-librerija minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u wkoll li tinqata' l-ispiza ta' €250 bhala donazzjonijiet.

**11.0 Laqgha tal-lokalita'**

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ta-lokalita' ghandha tinzamm nhar is-Sibt 11 ta' Frar 2012 fl-10:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill. Sar qbil li ghandu jinhareg avviz fuq il-gazetta tal-gvern u jintbghat avviz f'kull dar.

**12.0 Harga ghall-anzjani**

12.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza harga ohra ghall-anzjani fl-okkazzjoni ta' San Pawl.

**13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti.**

13.1 Tressqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha.

**14.0 Materji ohra**

14.1 Sar qbil li ghandna nergghu nfakkru lill-kuntrattur Joe Grima sabiex jibghatilna stima dwar ix-xoghol mehtieg beiex jigi kkonnetjat il-waterculvert mal-gibjun ta' taht il-playing field.

14.2 Sar qbil li ghandna nfakkru lill-avukati biex jibghatulna kont *updated*.

14.3 Sar qbil li ghandna nfakkru lil Toni Debono rigward il-passagg ta' Triq il-Wileg.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***